

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/106****tal-11 ta' Jannar 2023****li tistabbilixxi l-allokazzjonijiet indikattivi tal-ghajjnuna tal-Unjoni lill-Istati Membri għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel u għall-ħalib għall-iskejjel għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2023 sal-31 ta' Lulju 2029**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajjnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agricoli <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 23a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> jistabbilixxi l-ammont kumplessiv tal-ghajjnuna tal-Unjoni għal kull sena skolastika taħt l-iskema għall-iskejjel għall-Unjoni kollha kemm hi u kriterji oġġettivi għall-allokazzjoni ta' dak l-ammont kumplessiv fost l-Istati Membri.
- (2) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013 jistabbilixxi l-allokazzjonijiet indikattivi annwali tal-ghajjnuna tal-Unjoni għal kull Stat Membru, għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel u għall-ħalib għall-iskejjel għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2017 sal-31 ta' Lulju 2023. Wara dak il-perjodu tranżitorju ta' 6 snin, mill-1 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni għandha tiffissa l-allokazzjonijiet indikattivi tal-ghajjnuna tal-Unjoni lil kull Stat Membru abbażi tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 23a(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Meta jiġu stabbiliti l-allokazzjonijiet indikattivi, għandu jitqies l-ammont minimu ta' għajjnuna tal-Unjoni li l-Istati Membri huma intitolati għalih, biex l-Istati Membri b'daq demografiku limitat ikunu jistgħu jimplementaw skema kosteffettiva.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 23(8) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/40 <sup>(3)</sup>, l-Istati Membri għandhom ifasslu l-istrategġi tagħhom li jkopru l-perjodu ta' 6 snin mill-1 ta' Awwissu 2023 sal-31 ta' Lulju 2029 u jinnotifikawhom lill-Kummissjoni sat-30 ta' April 2023. Sabiex l-Istati Membri jkun jistgħu jippjanaw b'mod effiċjenti l-implimentazzjoni tal-iskema matul il-perjodu kopert mill-istrategġi tagħhom, l-allokazzjonijiet indikattivi tal-ghajjnuna tal-Unjoni jenħtieġ li jkopru l-istess perjodu ta' żmien. Dawn l-allokazzjonijiet indikattivi huma mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet futuri relatati mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-Unjoni għall-perjodu ta' wara l-2027.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agricoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-allokazzjonijiet indikattivi tal-ghajjnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel u għall-ħalib għall-iskejjel għal kull Stat Membru għal kull sena skolastika matul il-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2023 sal-31 ta' Lulju 2029 huma stabbiliti fl-Anness.

<sup>(1)</sup> ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/40 tat-3 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-ghajjnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbiliment edukattivi u li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 (ĠU L 5, 10.1.2017, p. 11).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Jannar 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
Janusz WOJCIECHOWSKI  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

**ALLOKAZZJONIJIET INDIKATTIVI TAL-GĦAJNUNA TAL-UNJONI GĦAL KULL SENA  
SKOLASTIKA MATUL IL-PERJODU MILL-1 TA' AWWISSU 2023 SAL-31 TA' LULJU 2029  
IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1**

Stat Membru	Allokazzjonijiet indikattivi għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel  fEUR	Allokazzjonijiet indikattivi għall-ħalib għall- iskejjel  fEUR
Il-Belġju	3 648 727	1 600 475
Il-Bulgarija	2 110 411	1 800 090
Iċ-Ċekja	3 349 886	3 048 057
Id-Danimarka	1 671 583	1 632 431
Il-Ġermanja	20 373 277	8 910 720
L-Estonja	396 340	754 955
L-Irlanda	1 889 775	826 537
Il-Greċja	3 149 503	1 464 086
Spanja	13 407 407	6 023 462
Franza	22 720 501	9 979 209
Il-Kroazja	1 278 964	610 533
L-Italja	15 293 816	6 910 347
Ċipru	290 000	252 652
Il-Latvja	649 309	868 581
Il-Litwanja	891 870	1 236 781
Il-Lussemburgu	290 000	193 000
L-Ungerija	2 894 429	2 970 122
Malta	290 000	193 000
In-Netherlands	4 977 290	2 176 932
L-Awstrija	2 320 736	1 015 027
Il-Polonja	12 138 186	12 791 591
Il-Portugall	2 804 412	1 301 261
Ir-Rumanija	6 178 236	11 303 390
Is-Slovenja	665 306	305 638
Is-Slovakkja	1 851 325	1 659 402
Il-Finlandja	1 672 943	2 731 455
L-Iżvezja	3 404 234	7 635 935
<b>Total</b>	<b>130 608 466</b>	<b>90 195 669</b>